QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 25 TA' JANNAR 2002

Avviz Nru 815/00DM

Anna Zebst u b'digriet tas-16 ta' Mejju 2001 giet akkordata iz-zieda ta' attur iehor bl-isem Alfred Mifsud

vs

David Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba mija u wiehed u disghin lira maltin sebgha u disghin centezmu (Lm491.97) kif jirrizulta mill-aness Dokumenti markati Dok AZ1 – AZ5 in linea ta' danni kagonati minnhu f'incident stradali li gara fl-24 ta' Mejju 1999 meta kien qieghed isuq vettura numru AAB 374 u habat fil-vettura numru BBI 704 misjuqa mill-attrici u ghal liema incident stradali l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli peress li dan sehh minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghaxijiet legali u bl- ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Novembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari, in-nuqqas tal-attrici bhala legittima kontradittur stante li mhux il-proprjetarja tal-vettura minnha misjuqa numru BBI 704;
2 Fil-meritu, it-talba attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo kienet unikament l-istess Anna Zebst stante imperizia, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4 Bl-ispejjes tal-prezenti

Rat il-verbal tas-16 ta Mejju 2001 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni minnhu sollevata u kkontesta t-talba tal-attur Alfred Mifsud bl-istess tieni eccezzjoni opposta ghat-talba tal-attrici.

Rat il-verbal tal-24 t' Ottubru 2001 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li l-kontestazzjoni tieghu ma tirrigwardax il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilita'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-kontendenti dwar il-kwistjoni tar-responsabilita' ghall-kollizzjoni in kwistjoni jikkonsistu esklusivament fid-deposizzjonijiet taz-zewg sewwieqa involuti fl-incident u tal-ufficjal li nvestiga l-kaz li min-naha tieghu pprezenta l-accident report u sketch ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-kollizzjoni.

Minn dawn il-provi jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu qieghdin jipprocedu fl-istess direzzjoni ossia, go l-By Pass ta' B'Kara qed javvicinaw ir-'roundabout' illi hemm fit-Triq il-Mosta, Lija.

Evidentement qabel ma titlaq il-B'Kara by pass u taqbad Triq il-Mosta Lija hemm 'stop signs' u anke marki fil-karreggjati biex jobbligaw il-vetturi provenjenti mill-'by-pass' sabiex jiqfu jesploraw Triq il-Mosta Lija qabel ma jipprocedu jew ghal Hal Balzan jew ghal vicin ir-'roundabout'.

Iz-zewg sewwieqa jiddikjaraw li waslu fit-tarf ta' by pass ta' B'kara, ossia Triq Dun Karm, B'Kara 'presso a poco' fl-istess zmien u fl-istess zmien ipprocedew fit-Triq il-Mosta Lija, b'dan illi fil-waqt illi Anna Zebst riedet tipprocedi lejn ix-xellug taghha lejn Hal Balzan il-konvenut David Camilleri ried jaqsam Triq il-Mosta biex jaqbad ir-'roundabout' dirett lejn Hal Lija.

Evidentement il-manuvra li riedet tghamel Anna Zebst kienet tobbligha sabiex tizbokka biss minn Triq Dun Karm, B'Kara ,ossia mill-by pass, fuq il-xellug estrem tat-triq biex ma thalliex spazzju ghal traffiku biex jidhol fuq ix-xellug taghha meta hija riedet tikser mill-ewwel ghal fuq ix-xellug.

Ghalhekk meta Anna Zebst tallega illi hija effettivament kienet fuq il-karreggjata tan-naha tax-xellug tal-'by-pass' qabel ma sporgiet go Triq il-Mosta hija issostni ukoll illi l-konvenut gie minn warajha dahal fil-parti ta' fejn tizbokka is-'service road' li

qieghda fuq in-naha tax-xellug tal-'by pass' u ssorprendiha billi hi ma stennietx illi se jkollha traffiku fuq ix-xellug taghha.

Min-naha tieghu, il-konvenut David Camilleri isosstni illi, meta l-vetturi waslu biex jizbokkaw fit-Triq il-Mosta, Anna Zebst kienet hadet il-karreggjata fuq il-lemin estrem tat-triq, huwa kien regolarment hiereg fuq il-karreggjata tan-naha tax-xellug u ghalhekk fin-nuqqas ta' ebda indikazzjoni minn Anna Zebst huwa kien intitolat jassumi illi din kienet ser tipprocedi bhalu lejn ir-'roundabout' ta' Hal Lija, izda minflokk dak aspettat minnha din kisret mill-ewwel fuq in-naha tax-xellug taghha biex tipprocedi lejn Hal Balzan u b'hekk dahlet gol gemb tal-lemin tieghu.

Ghalhekk wiehed jrid jaghzel liema wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet hi l-iktar verosimili. Evidentement anke Anna Zebst taccetta illi l-konvenut ma kienx qieghed isuq fis-'service road' illi timxi paralellament mal-'by pass'; dan peress illi hija ssostni illi kienet ratu fil-karreggjati ta' Triq Dun Karm isuq warajha u anke jaqleb minn-karreggjata ghall-ohra.

Ghalhekk dak li ssostni Anna Zebst huwa illi lill-konvenut dahal fejn tizbokka s-'service road' minn wara l-vettura taghha u ssostni li kien hemm spazju bizzejjed biex dan jista jghamlu.

Apparti illi ma saret ebda prova dwar xi spazju hemm biex jippermetti lil sewwieq li qieghed fuq il-karreggjata ta' gewwa jghadi minn wara vettura ohra ghal fejn tizbokka is-'service road', mhux spejgat soddisfacentement ghaliex il-konvenut meta ma jirrizultax illi dak il-hin kien hemm traffiku iehor ghazel biex jghamel manuvra bla bzonn li kienet logikament tindika li ser twassal ghal kollizzjoni.

Dan peress illi jekk verament Anna Zebst kienet fuq il-karreggjata tax-xellug l-indikazzjoni mill-posizzjoni tal-vettura taghha li setghet anke f'dik il-posizjoni tkun spostata xi ftit lejn id-direzzjoni li riedet tiehu, kienet tindika illi din kienet ser tmur fid-direzzjoni ta' Hal Balzan fuq ix-xellug taghha.

L-ghazla tal-konvenut ghalhekk, kieku wiehed jaccetta l-verzjoni ta' Anna Zebst kienet tkun wahda li assolutament ma kienetx tghamel sens fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant hija iktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-konvenut fis-sens illi l-karreggjata li kienet ghazlet Anna Zebst biex tohrog fit-triq il-Mosta ma kienetx dik tax-xellug estrem izda piuttost dik tal-lemin u f'dan huwa anke sorrett minn kif spiccaw il-vetturi wara l-habta kif indikati fis-sketch.

Infatti jidher illi l-vettura tal-attrici kienet lahqet harget kollha go Triq il-Mosta u kieku l-konvenut kien qieghed daqstant vicin fuq in-naha tax-xellug taghha ma kienx jkollha bizzejjed distanza biex tipprocedi ghat-tul neccessarju biex il-vettura kollha taghha tkun harget mill-'by-pass' ghal gewwa Triq Il-Mosta.

Ghal dan il-mottivi issib illi l-atturi ma pprovawx sodisfacentement dak li huma qieghdin jallegaw u ghaldaqstant filwaqt li tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut qieghda tirrespingi t-talbiet tal-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29